MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 591/2001/1

Joseph Vella
vs
Cecil Attard

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur li biha ppremetta:

Peress illi f’April 1997, l-attur silef lill-konvenut is-somma ta’ hdax-il elf lira (Lm11,000) liema somma kellha tithallas lura f’pagamenti mensili ta’ mitt lira (Lm100), minghajr imghax, l-ewwel pagament f’Mejju, 1997 (Dok A).

U peress illi l-konvenut ma hallas ebda wiehed mit-tmienja u erbghin (48) pagament skadut kull xahar bejn Mejju, 1997 u April, 2001, b’dan illi sallum l-ammont ta’ erbat elef u tmien mitt lira (Lm4,800.00) huwa dovut mill-konvenut lill-attur.

Illi interpellat biex ihallas id-debitu tieghu, il-konvenut baqa' inadempjenti.

L-attur talab lill-Qorti:

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erbat elef u tmien mitt lira (Lm4800.00) rapprezentanti tmienja u erbghin (48) pagament mensili li skadew bejn Mejju 1997 u April 2001.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Dicembru 2000 u tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Jannar 2001 u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Baqa' riservat id-dritt tal-attur ghall-bilanc tas-self fuq imsemmi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Cecil Attard li eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur fil-kapacita` tieghu personali ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-konvenut ***ai termini*** ta' l-iskrittura datata 7 ta' April 1997 u konsegwentement il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-flus kienu effettivament ghaddew mis-socjeta` Vella Aluminium Limited.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, parti mis-somma ta' hdax-il elf lira Maltin (Lm11,000) imsemmija fl-iskrittura tas-7 ta' April 1997 u cioe` s-somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5000) kienet inghatat lill-konvenut bhala pagament akkont tas-somma dovuta lill-istess konvenut.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut Cecil Attard huwa kreditur ta’ l-attur Joseph Vella u tas-socjeta` Vella Aluminum Limited.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma guridikament insostenibbli stante li fl-iskrittura msemmija fic-citazzjoni ma giex stabbilit meta ghandha tkun l-ewwel skadenza u ghaldaqstant sallum ghad ma hemm l-ebda pagament dovut.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.
Semghet l-abili difensuri.

Rat is-sentenza ***in parte*** dwar l-ewwel eccezzjoni moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta datata 21 ta’ Novembru, 2002. F’din is-sentenza l-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehed il-konvenut u semma li lill-attur ilu jafu mill-1993. Qal li fi tlett okkazzjonijiet l-attur kien ghaddielu xi flus, parti minnhom kontanti u ohrajn permezz ta’ cekkijiet mahrugin minn jew a favur ta’ Vella Aluminuim. Qal li whud mic-cekkijiet mahruga favur il-kumpanija Vella Aluminum kienu girati bil-firma ta’ l-attur. Qal li hu kien insista li jaghmlu karta bil-miktub liema kitba kienet saret fuq letter head tal-kumpanija Vella Aluminium. Qal li meta saret il-kitba kienu prezenti hu u l-attur biss u ffirmaw il-karta t-tnejn flimkien. Qal li parti minn dawk il-flus kien ghaddihomlu b’self u parti ohra bi hlas ta’ meta kien qed isir il-hatt ta’ torri ta’ telekomunikazzjoni bejn Ottubru 1996 u Marzu 1997. Qal li l-flus li l-attur kien silfu kien tahomlu qabel ma bdew ix-xogholijiet u whud mill-ammonti l-ohrajn

ghaddihomlu waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet, f'pagi jew rati differenti.

Qal li l-ammont misluf lilu kien ta' Lm6,000 u meta ssellef dawn il-flus kien ghadu ma giex mahtur mill-kumpanija Vella Aluminium biex jaghmel ix-xoghol tal-hatt ta' l-antenna tad-Deutsche Welle. L-ammont ta' Lm5,000 mill-ammont ta' Lm11,000 kien il-prezz tax-xoghol li suppost thallas ghalih biex hatt l-antenna tad-Deutsche Welle. Hu cahad li ha xi flus tal-iscrap kemm minghand id-Disma kif ukoll minghand haddiehor, la flus cash u anqas cekk. Id-dokument a fol 5 inkiteb mill-konvenut stess, u kiteb li ssellef LM11000 minghand Joe Vella ghax "lil Joe Vella ghax lil Joe Vella kont nafu bhala Vella Aluminium Limited". Cahad li ha xi flus tal-iscrap minghand id-Disma.

Semma li biex tizzarma l-antenna tad-Deusche Welle kien hemm zewg tenders li bdew fis-16 ta' Ottubru 1996 u f'nofs Dicembru 1996. Dwar is-somma ta' Lm5000 li nghatawlu bhala pagament qal li Lm2500 kien ghaddihomlu f'Dicembru 1996 waqt li Lm2500 ohra kien ghaddihomlu f'April 1997. Qal li kienu nghatawlu bhala self pero` kienu ftiehmu li kellu jpacihom permezz ta' xoghol. Dwar ic-cekk ta' Lm2570 prezentat bhala dokument qal li dak kien iffirmat minn E. Attard & D. Attard u kien moghti lilu minn Vella personalment. Qal li dik kienet parti mis-somma ta' Lm11000 li kellha tigi mnaqqsa minn dak li kien dovut lilu.

Xehed <u>l-attur</u> u qal li lill-konvenut ilu jafu mill-1993 u kien sar jaf li kellu bzonn il-flus ghax ried jiftah xi ***take away*** u kien ghaddielu ghadd ta' pagamenti b'self liema pagamenti kienu fi flus kontanti kif ukoll f'cekkijiet li whud minnhom kienu mahruga a favur ta' Vella Aluminium Limited u hu ggirahom. Qal li kienet saret karta bil-miktub xi sentejn jew tlieta wara li kien ghaddielu l-ewwel hlas fil-prezenza tal-habib tal-konvenut, certu Matthew li fetah garaxx tal-VRT bi shab ma' l-istess konvenut. Qal li s-self ta' Lm6,000 kien tahomlu biex jiftah it-***take away***, izda qal ukoll li kien silfu ammonti ohrajn ghal affarijiet ohrajn u li jammontaw ghal dak li hemm imsemmi fil-kitba. Qal li l-flus kien silifhom lill-konvenut bil-kuntentezza ta' martu u li

l-iskrittura bil-kaligrafija tal-konvenut kienet saret fuq karta li ttiehdet mill-ufficcju tieghu u nkitbet fl-ufficju tieghu hlief ghal frazi “Dawn minghajr imghax” li kiteb hu stess. Qal li kien nizzel dik il-frazi ghax il-konvenut kien habib intimu tieghu.

Semma li hu fil-kariga ta’ Direttur Manigerjali ta’ Vella Aluminium Limited gieli qabbad lill-konvenut jaghmillu xi xoghol. Qal li kien qabbdu jhott xi arbli ta’ l-istazzjon ta’ ***Deutsche Welle*** u l-konvenut kien wiehed mill-persuni li hatar. Semma li ta’ dak ix-xoghol hu ma hallsux lill-konvenut, pero` l-konvenut kien thallas mill-kumpanija Disma Limited. Qal li bhala Direttur tal-kumpanija kien ftiehem mas-socjeta` Disma Limited li jaghtih il-materjal li kien gie mahtur u l-arbli bhala scrap u Disma Limited thallas lill-Vella Aluminium Limited. Disma Limited ma hallsitx lill-kumpanija rapprezentata minnu, imma hallset lill-konvenut. Sostna li suppost kien thallas hu tal-iscrap ghax infatti tilef xi Lm7000 mill-progett ghax ma lestewx fiz-zmien. Id-Disma kien qallu li hallas lill-konvenut. Semma li l-iskrittura kienet saret meta l-konvenut kien diga` nghata x-xoghol ta’ hatt ta’ l-aerials tad-***Deutsche Welle*** u dik ma kellha x’taqsam xejn ma’ dak ix-xoghol. Qal li l-konvenut kien ilu debitur tieghu.

Xehed <u>Disma Attard</u> u semma li hu kien ghamel xi xoghol mal-partijiet fil-kawza. Qal li huma kienu tawh xi materjal scrap u hu kien xtrah u meta ftehmu dwar il-prezz it-tnejn kienu prezenti. Qal li hu kien hallas lill-konvenut b’cekk u wara xi xhur kien cempillu l-attur ghall-hlas u hu kien qallu li kien hallas lill-konvenut. Semma li kellu l-impressjoni li mhux cekk wiehed biss kien hareg izda aktar pero` ma kienux kbar fl-ammont bhal l-ewwel wiehed. Qal li fuq il-konsenja kienu jahdmu flimkien mal-Metalco u jaf li kien inhareg cekk iehor minghand il-Metalco.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza tirrigwarda allegat self ta’ flus fl-ammont ta’ hdax-il elf liri Maltin (LM11,000.00) mislufa lill-konvenut u li kellha tintradd lura bi hlasijiet ta’ mitt lira Maltija (LM100.00) kull xahar minn Mejju 1997 ‘il quddiem. L-attur talab li jithallas is-somma ta’ erbat elef u tmien mitt

lira Maltin (LM4,800.00), bhala dak li kien dovut lilu sa dak inhar – 48 pagamenti mensili li skadew bejn Mejju, 1997 u April 2001.

Issa fi ftehim bil-miktub il-kontenut johrog mill-istess kitba. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Inferjuri tat-28 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet **Frendo vs Caruana** jinghad li huwa principju ta' dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut ta' l-istess ftehim ghandu johrog mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn zvolgew. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuss izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat. Ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tat-22 ta' Gunju, 2004 fl-ismijiet **Simpson vs Saliba**. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kummercjali fl-ismijiet Albert Brincat vs Anthony Saliba deciza fl-14 ta' Novembru, 1983 jinghad li jistghu jigu prodotti provi orali biex jigu elucidati punti oskuri ta' kitba, jew ghall-impunjazzjoni ta' kitba: izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga car – ara artikolu 1002 tal-Kap 16. Ukoll min jallega fatt ghandu l-piz tal-prova fuq spallejh – Gustav **Ricci vs Harry Latzen** deciza minn din l-Qorti I M Caruana Curran fit-18 ta' Frar, 1965.

Fil-kaz in ezami ghandna kitba a fol 5 li l-kontenut johrog car mill-istess kitba. Il-konvenut iddikjara li ircieva minghand l-attur hdax il-elf lira maltin bhala <u>self</u> "liema flus jithallsa lura kollha bir-rata ta' mitt lira fix-xahar." Jinghad car li <u>kollha</u> jridu jithallsu lura. Dan kollu johrog car u ma hemmx punti oskuri u hu bil-miktub. Provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga car, u fil-kaz in ezami kollox huwa car. Fid-dokument imsemmi ma jinghadx kif isostni l-konvenut li sitt elef biss huma self. Ir-regola kardinali hi li prova dokumentarja ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tghid il-kitba, jekk mhux ghal ragunijiet serji [App. Civ. 28.2.1997 fil-kawza fl-ismijiet **Grech Sant noe vs Farrugia noe et** LXXXI-ii-394, Appell Superjuri Civili 30.1.1967 fil-kawza fl-ismijiet **Zammit et vs Zammit et** LI-I-61 u Appell Kummercjali 28.10.1960 fil-kawza fl-ismijiet **Lungaro Mifsud noe vs Polidano** XLIV-I-267.

Ukoll x'sens jaghmel dak li jghid il-konvenut li l-hamest elef huma ta' hlas ta' xoghol li ghamel fuq inkarigu tal-attur U jekk dawn il-flus ghaddew lilu bi hlas ta' xoghol ghalfejn jghaddihom lura! Il-konvenut ma kienx kredibbli anke dwar l-iskrap fejn sostna li ma thallasx izda giet prodotta fotokopja ta' cheque li hu thallas minghand Disma Attard ghall-ammont ta' LM2570. Id-data tac-cheque hija 1/12/96 waqt li apparentement (qatt ma gie kontestat dak li qal l-attur) id-dokument a fol 5 sar fis-7 ta' April, 1997.

Disma Attard xehed illi hallas direttament lill-konvenut Attard ghall-iscrap, permezz ta' cekk esebit (a fol 55 tal-process). Qal ukoll, li cekk iehor fl-istess ammont kellu johrog minghnd kumpanija ohra, Metalco. Ghalhekk, il-Qorti ma tistax tqis korretta u ta' min joqghod fuqha, ix-xhieda li ta l-konvenut fl-10 ta' Jannar 2003, meta qal: "Jiena nichad li hadt xi flus ta' l-iscrap kemm minghand id-Disma kemm minghand haddiehor, la flus cash u anqas cekk." (a fol 44).

L-attur ikkonferma wkoll, "Illi l-iskrittura kienet saret fiz-zmien meta kien diga nghata x-xoghol lil Cecil Attard ghall-hatt ta' l-aerials tad-Deutsche Welle". Izda, l-attur kompla ighid, li "dik l-iskrittura m'ghandha x'taqsam xejn ma' dak ix-xoghol" (a fol 23). Dan ifisser li l-iskrittura li saret bejn il-partijiet (esebita a fol5) saret wara li kien beda x-xoghol fuq il-hatt ta' l-antenni tad-Deutsche Welle.

Inoltre, mid-dokument a fol 5 tal-process, johrog il-fatt li l-konvenut kiteb huwa stess li qed jissellef total ta' hdax-il elf lira Maltin (LM11,000.00). Ghal dawn ir-ragunijiet, tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

Il-konvenut bhala tielet eccezzjoni qal li subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut Cecil Attard huwa kreditur ta' l-attur Joseph Vella u tas-socjeta` Vella Aluminum Limited. Jinghad li hu totalment irrelevanti jekk il-konvenut huwiex kreditur tas-socjeta' Vella Aluminium Limited ghax din l-ahhar socjeta' mhix parti mill-kawza. Ukoll minn imkien ma rrizulta li l-attur huwa debitur tal-konvenut taht xi forma. Jekk stess il-

konvenut ghandu jiehu xi flus fi kliem l-istess konvenut fis-seduta tal-4 ta’ Ottubru, 2001 hu kien gie mqabbad mill-kumpannija Vella Aluminium Limited. Jirrizulta li l-konvenut thallas ninn Disma Attard u kieku stess mhux l-attur li ghandu jhallsu izda s-socjeta` msemmija. Ghal dawn il-motivi tichad din it-tielet eccezzjoni.

Ir-raba’ eccezzjoni tal-konvenut hija li t-talbiet attrici huma guridikament insostenibbli stante li fl-iskrittura msemmija fic-citazzjoni odjerna ma giex stabbilit meta ghandha tkun l-ewwel skadenza u ghaldaqstant sallum ghad ma hemm l-ebda pagament dovut. Is-sens logiku ta’ interpretazzjoni tal-iskrittura kien li l-hlas jibda jsir xahar wara li l-iskrittura giet iffirmata u cioe` xahar wara s-7 ta’ April, 1997 u cioe` fis-7 ta’ Mejju, 1997. Izda kieku stess tali interpretazzjoni kellha ma tkunx korretta xorta jigi applikabbli l-Artikolu 1078 tal-Kodici Civili, u cioe` li s-somma ta’ flus li ghandha tinghata minghajr imghax, ghandha tigi mhallsa fi zmien sentejn. Dan ifisser li l-obbligazzjoni tar-radd lura tal-flus ghandha tigi esegwita fi zmien sentejn. U, dan japplika fuq is-somma tal-flus kollha, jigifieri dik ta’ hdax-il elf lira Maltin (LM11,000.00). Izda, f’dan il-kaz, it-total tas-somma mitluba jammonta ghal erbat elef u tmien mija liri Maltin (LM4,800.00). Ghalhekk tichad ir-raba’ eccezzjoni tal-konvenut.

Fil-meritu t-talba tal-attur tidher gustifikata kif issemma hawn fuq minhabba li jirrizulta b’mod car bil-miktub li hu silef lill-konvenut LM11000 li l-konvenut kellu jibda jirrifondihom mis-7 ta’ Mejju, 1997, u li ghalhekk sa meta giet intavolata l-kawza fid-9 ta’ April, 2001 kienu dovuti 48 skadenza ta’ LM100.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ erbat elef u tmien mitt lira (Lm4800.00) rapprezentanti tmienja u erbghin (48) pagament mensili li skadew bejn Mejju 1997 u April 2001.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mil-10 ta’ Jannar 2001 kontra l-konvenut.

Jibqa’ riservat id-dritt tal-attur ghall-bilanc tas-self fuq imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------